**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Awwissu, 2018

Rikors Nru : 101/18 AL

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi huwa izzeweg fid-disgha (9) ta' April tas sena elfejn u hamsa (2005) , certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat **Dok. A**;
2. Illi prezentement ghaddejjin minn procedura ghas-separazzjoni personali Rikors Guramentat bin-numru 239/2012AL u l-unika vertenza hija il-qsim tal-beni;
3. Illi miz-zwieg twieled tifelli illum ghandu 11 il-sena;
4. Illi jiddikjara li minn mindu nfethet il-kawza odjerna ma kien hemm qatt ebda kwistjoni ta' manteniment bejnu u l-intimata;

5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom aktar minn erba' (7) snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma' xulxin.
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta

Talab li l-intimat tghid ghaliex din il- Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta’ April, 2018;

Rat illi l-intimata, debitament notifikata, imsejjha tlett darbiet ma dehritx;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom aktar minn erba’ snin ma jghixu flimkien;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-

Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.